## Ix-xjenza tipproteġi lill-konsumaturi

# mill-għalqa sal-mejda tal-ikel



Impenjati fl-iżgurar tas-sikurezza tal-ikel tal-Ewropa

efsa

European Food Safety Authority



# L-**EFSA** – organizzazzjoni bbażata fuq ix-xjenza li tipproteġi u tinforma lill-konsumaturi

■ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) tipprovdi pariri xjentifiċi imparzjali u ta' kalibru għoli sabiex tgħin fit-teħid tad-deċiżjonijiet ta' dawk li jfasslu l-politika dwar ir-riskji relatati mal-ikel. Din hija parti kruċjali minn qafas istituzzjonali fl-Unjoni Ewropea (UE) li jiżgura s-sigurtà tal-konsumaturi, kif ukoll tal-annimali u tal-ambjent minn kwalunkwe riskji assoċjati mal-katina tal-ikel. L-attività ewlenija tal-EFSA hija valutazzjoni tar-riskju xjentifika, qasam speċjalizzat ta' xjenza applikata li jinvolvi l-analiżi ta' dejta u studji xjentifiċi sabiex jiġu evalwati r-riskji assoċjati ma' ċerti perikli. L-Awtorità għandha wkoll rwol importanti filli twassal il-pariri tagħha lill-imsieħba prinċipali tagħha, lill-partijiet interessati u lill-pubbliku ġenerali fil-ħin opportun u b'mod ċar u sinifikanti, sabiex b'hekk tgħin ħalli titnaqqas id-distanza bejn ix-xjenza u l-konsumatur.








# L-awtoritajiet Ewropej jaħdmu flimkien għal iżjed sikurezza fl-ikel

Fl-2002, wara serje ta' twissijiet relatati mal-ikel li ħallew impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u li heżżu l-kunfidenza tal-pubbliku, l-UE adottat il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel (Regolament KE 178/2002), li tipprovdi qafas komprensiv għas-sistema regolatorja tal-ikel tal-UE bbażata fuq ix-xjenza. L-elementi ewlenin kienu s-separazzjoni funzjonali tal-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju, u t-twaqqif tal-EFSA bl-enfasi tagħha fuq l-eċċellenza xjentifika, l-indipendenza, l-onestà, it-trasparenza u s-sensibilità – li fil-fatt għadhom il-valuri ewlenin tal-EFSA sal-ġurnata tal-lum. Filwaqt li l-EFSA ħadet ir-rwol ta' evalwatur tar-riskju, l-amministraturi tar-riskju tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri tal-UE) żammew il-kontroll fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet regolatorji, it-tfassil tal-politika u l-miżuri ta' prevenzjoni u kontroll.

Aspett kruċjali fis-suċċess ta' din is-sistema jinsab fl-involviment u l-kooperazzjoni attivi mal-partijiet interessati u l-imsieħba fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew. Permezz tal-Forum Konsultattiv tagħha l-EFSA taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali għas-sigurtà fl-ikel fuq attivitajiet xjentifiċi, attivitajiet ta' ġbir u monitoraġġ ta' dejta, u attivitajiet ta' komunikazzjoni. L-Awtorità torganizza wkoll laqgħat regolari ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-konsumaturi, lill-industrija, lil NGOs ambjentali u lil partijiet interessati oħrajn sabiex tinkoraġġixxi l-involviment tagħhom u tippromwovi l-għarfien dwar il-ħidma tagħha.

**IL-KATINA TAL-IKEL – MILL-GĦALQA SAL-MEJDA TAL-IKEL**

*Il-katina tal-ikel tal-Ewropa qiegħda tevolvi kontinwament u l-mandat tal-EFSA evolva sabiex ikun jista' jkopri għadd dejjem aktar kumpless ta' oqsma relatati mas-sigurtà tal-katina tal-ikel: mard li jinġarr fl-ikel, kontaminanti, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, il-ħarsien tal-pjanti, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ikel, l-innovazzjoni fis-settur tal-ikel, biex insemmu ftit. Illum, il-pariri li qiegħda tipprovdi l-EFSA lill-amministraturi tar-riskju jservu sabiex fuqhom jissejsu ħafna mil-liġijiet u r-regolamenti li daħlu fis-seħħ sabiex iħarsu lill-konsumaturi Ewropej minn riskji relatati mal-ikel – mill-għalqa sar-razzett u l-fabbrika sal-mejda tal-ikel.*



# L-għalqa u r-razzett

## Il-protezzjoni tal-pjanti

■ L-uċuħ tar-raba' agrikoli jipprovdu l-parti l-kbira tal-provvista tagħna ta' ikel u għalf. L-EFSA tgħin sabiex tipproteġi lill-konsumaturi billi tipprovdi l-pariri xjentifiċi li fuqhom jissejjes ir-regolament dwar l-użu sikur tal-pestiċidi u ta' prodotti oħrajn li jintużaw għall-ħarsien tal-pjanti. L-Awtorità għenet lill-UE tevalwa mijiet ta' sustanzi attivi li jintużaw fil-pestiċidi u tistabbilixxi limiti komuni bbażati fuq ix-xjenza għal-livelli ta' residwu permessi fl-Ewropa. Ix-xjenzjati tal-EFSA jevalwaw ukoll ir-riskji kkawżati minn insetti u annimali qerrieda u minn ħaxix selvaġġ għas-saħħa tal-pjanti, inklużi l-uċuħ tar-raba' fl-irziezet u, konsegwentement, fuq l-ambjent.

## L-annimali

■ Is-saħħa u l-benesseri tal-annimali li jipproduċu l-ikel (bħalma huma l-bhejjem tal-ifrat, it-tiġieġ u l-ħnieżer) matul it-tnissil, it-trobbija, it-trasportazzjoni u t-tbiċċir tagħhom, jista' jkollhom konsegwenzi importanti għas-saħħa tal-bniedem. L-EFSA tivvaluta l-impatt li jista' jkollhom il-kondizzjonijiet u t-trattament tal-annimali fuq is-saħħa kemm tal-annimali stess u kemm tal-bnedmin, inklużi l-operaturi tal-industrija.

Madwar 75 % tal-mard ġdid li ilu jaffettwa lill-bnedmin mis-sena 2000 oriġina minn annimali jew minn prodotti li joriġinaw mill-annimali. L-hekk imsejjaħ mard "żoonotiku" huwa mard li jista' jiġi trażmess lill-bnedmin mill-annimali, inkluż mill-ikel. Il-pariri xjentifiċi tal-EFSA, il-ġbir tad-dejta u l-monitoraġġ ikkontribwew għal kampanja mifruxa mal-UE kollha li hija intiża biex tikkontrolla u tnaqqas il-preżenza ta' batterji bħas-*Salmonella* u l-*Campylobacter* li, meta jkunu preżenti fl-annimali, jistgħu jinfettaw l-ikel. B'riżultat ta' dan, fuq medda ta' ħames snin il-każijiet ta' salmonellożi fil-bniedem tnaqqsu bin-nofs għal 100,000, sabiex b'hekk żdiedet b'mod sostanzjali l-protezzjoni tal-konsumaturi minn tali mard li jinġarr fl-ikel.





L-EFSA vvalutat ukoll is-sigurtà tal-għalf għall-annimali, li hija importanti għas-saħħa tal-annimali, għall-ambjent u għas-sigurtà ta' oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali. Minn mindu twaqqfet l-EFSA fl-2002, il-ħidma ta' din l-Awtorità fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju u l-monitoraġġ kienet nisġa kontinwa u b'saħħitha li tappoġġja l-isforzi kontinwi tal-ġestjoni tar-riskji li raw in-numru ta' każijiet ta' BSE fil-bhejjem tal-ifrat irrapportati madwar l-UE jonqos minn bosta eluf fis-snin 2000 għal 44 każ biss fl-2010.

## L-ambjent

■ L-EFSA hija mitluba dejjem aktar li tikkunsidra l-impatt possibbli tal-katina tal-ikel fuq il-bijodiversità tal-ħabitats tal-pjanti u tal-annimali. Pereżempju, l-Awtorità tagħmel valutazzjonijiet tar-riskju ambjentali ta' uċuħ tar-raba' mmodifikati ġenetikament, kif ukoll tas-sustanzi addittivi tal-pestiċidi u tal-għalf li jintużaw mill-bdiewa. L-EFSA tivvaluta wkoll ir-riskji possibbli għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali minn kontaminanti ambjentali. L-arja, il-ħamrija, l-ilma u l-pjanti jistgħu jiġu kkontaminati minn sustanzi niġġiesa u sustanzi ambjentali oħrajn, pereżempju l-metalli fil-ħamrija jew is-sustanzi tossiċi prodotti minn ċerti tipi ta' fungi. Dan sikwit jista' jkun ir-riżultat ta' attivitajiet umani bħal emissjonijiet industrijali jew l-egżost tal-karozzi. In-nies jistgħu jiġu esposti għalihom mill-ambjent jew mill-inġestjoni ta' ikel jew ilma kkontaminat. L-akkumulazzjoni tagħhom fil-ġisem tista' twassal għal effetti ta' ħsara matul iż-żmien.



# Mill-fabbrika sal-mejda tal-ikel

## It-trasport u l-ħażna

■ Il-materja prima li tintuża fil-produzzjoni tal-ikel, jew l-annimali u l-karkassi tal-annimali matul it-trasport jew fil-ħażna jistgħu jkunu esposti għal riskji potenzjali minn infezzjoni bijoloġika u kontaminazzjoni kimika. Pereżempju, jista' jkun hemm residwi kimiċi minn tagħbijiet ta' merkanzija preċedenti, f'kontejners tal-merkanzija użati għat-trasport ta' żjut u xaħmijiet li jintużaw fl-ikel. L-EFSA tivvaluta r-riskji ta' tali kontaminazzjoni minn kuntatt ma', pereżempju, makkinarju, vetturi u materjali għall-ippakkjar, filwaqt li tipprovdi pariri xjentifiċi lill-amministraturi tar-riskju dwar il-miżuri possibbli li jistgħu jimplimentaw sabiex jillimitaw dawn ir-riskji.

## Il-preparazzjoni u l-produzzjoni tal-ikel

■ Fl-Ewropa, is-settur tal-ikel jiġi rregolat sabiex il-konsumaturi jiġu mħarsa mir-riskji potenzjali relatati mal-ikel u l-għalf, filwaqt li jitħalla wkoll spazju għall-kumpaniji sabiex jintroduċu innovazzjonijiet. L-Awtorità tevalwa s-sigurtà tal-ingredjenti tal-ikel irregolati bħal addittivi, taħwir, enżimi u sustanzi nutrittivi bil-għan li tappoġġja lill-amministraturi tar-riskju fl-awtorizzazzjoni tal-użu tagħhom fl-oġġetti tal-ikel. Pereżempju, l-EFSA evalwat eluf ta' ħwawar li jintużaw fl-ikel u sal-2020 mistennija tlesti l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-addittivi kollha li jintużaw fl-ikel u li ġew awtorizzati fl-UE qabel l-2009. Il-parir xjentifiku tal-EFSA jiggwida



d-deċiżjonijiet tal-amministraturi tar-riskju fir-rigward tas-sigurtà u tal-permessi għall-użu ta' dawn l-ingredjenti; f'xi każijiet, ċerti ħwawar u addittivi tneħħew mis-suq tal-UE bħala konsegwenza tal-ħidma tal-EFSA. L-Awtorità tivvaluta wkoll is-sigurtà tal-proċessi tal-produzzjoni tal-ikel (pereżempju, ir-riċiklaġġ ta' materjali tal-plastik li jintużaw fl-ippakkjar tal-ikel) u l-għajnuniet għall-ipproċessar użati mill-industrija tal-ikel.



## Innovazzjoni fis-settur tal-ikel

Illum il-ġurnata, il-konsumaturi jistennew ferm aktar mill-ikel tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' għażla, kwalità, prezzijiet, valur nutrittiv u disponibbiltà minn dawk ta' ġenerazzjoni biss ilu. Is-settur tal-ikel wieġeb għal dawn il-ħtiġijiet ta' prodotti u informazzjoni bl-innovazzjoni, permezz ta' ingredjenti, teknoloġiji, prodotti tal-ikel u komunikazzjonijiet relatati ġodda. Bħala l-għassies tas-sigurtà fl-ikel tal-Ewropa, flimkien mal-imsieħba tagħha fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew, l-EFSA hija direttament involuta fil-valutazzjoni xjentifika ta' dawn l-innovazzjonijiet fir-rigward tas-sigurtà tagħhom u, f'xi każijiet, l-effikaċja tagħhom.

Fil-qasam tal-bijoteknoloġija, pereżempju, il-leġiżlazzjoni tal-UE talbet li l-EFSA tiżviluppa approċċ komparattiv ta' valutazzjoni tar-riskju sabiex tikkunsidra l-impatt potenzjali tal-uċuħ tar-raba' jew l-annimali ġenetikament immodifikati, li permezz tiegħu tevalwa l-effetti tagħhom meta mqabbla mal-ekwivalenti tradizzjonali tagħhom li mhumiex ġenetikament immodifikati. L-Awtorità pprovdiet ukoll pariri xjentifiċi dwar oġġetti tal-ikel ġodda u prodotti b'mod artifiċjali, u issa qiegħda tikkunsidra n-nanoteknoloġija fil-valutazzjonijiet tar-riskji tagħha ta' bosta prodotti fis-settur tal-ikel, inklużi l-addittivi u l-ippakkjar tal-ikel.

L-affermazzjonijiet li jsiru dwar il-benefiċċji nutrittivi u għas-saħħa tal-oġġetti tal-ikel, jistgħu jipprovdu informazzjoni li tista' tgħin lill-konsumaturi sabiex jagħżlu dieta tajba għas-saħħa. L-EFSA tevalwa l-bażi xjentifika ta' dawn l-affermazzjonijiet bil-għan li tiżgura li dawn ma jkunux qarrieqa. Sal-aħħar tal-2012, l-EFSA evalwat aktar minn 3,000 affermazzjoni dwar is-saħħa.





## Il-konsum tal-ikel

■ Il-ħidma kollha tal-EFSA hija msejsa fuq il-passi kbar 'il quddiem li saru fil-qasam tal-ġbir tad-dejta dwar ix-xejriet u d-drawwiet fil-konsum tal-ikel. L-EFSA żiedet b'mod konsistenti l-appoġġ tagħha għall-ġbir tad-dejta u għal kooperazzjoni xjentifika oħra mal-Istati Membri, u fl-2012 allokat aktar minn EUR 9 miljun għal dawn l-attivitajiet. Dan il-progress jgħinna nifhmu aħjar x'qegħdin nieklu, billi jgħarrafna dwar il-ħidma tal-EFSA kemm fil-qasam tas-sigurtà fl-ikel kif ukoll f'dak relatat mal-għoti ta' pariri dwar in-nutrizzjoni, id-dieta u s-saħħa.

Il-ħidma xjentifika tal-EFSA tappoġġja wkoll id-deċiżjonijiet dwar il-gwida nutrittiva; il-valuri ta' referenza tagħha għat-teħid tan-nutrijenti u l-enerġija jieħdu inkunsiderazzjoni l-aħħar studji li saru u jgħinu lill-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri jistabbilixxu rakkomandazzjonijiet nutrittivi u jipprovdu pariri dijetetiċi prattiċi bbażati fuq l-ikel.

Matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin kien hemm proliferazzjoni tal-materjali u l-prodotti li jintużaw fl-ippakkjar, il-kontenituri, ir-reċipjenti u l-pożati tal-ikel. L-Awtorità tivvaluta r-riskji potenzjali relatati mal-użu tal-plastik, tal-karti, ta' sustanzi attivi u intelliġenti, tal-linka u tar-reżina użati f'materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, inklużi materjali rriċiklati, qabel jiġu awtorizzati sabiex jintużaw fl-UE.













# Kif taħdem l-**EFSA**

■ L-EFSA hija rregolata minn Bord ta' Tmexxija indipendenti li l-membri tiegħu jinħatru sabiex jaġixxu fl-interess pubbliku u ma jirrappreżentaw ebda gvern, organizzazzjoni jew settur. Il-Bord, li jikkonsisti minn 15-il membru, jiffissa l-baġit tal-EFSA u japprova l-programm ta' ħidma annwali. Id-Direttur Eżekuttiv tal-EFSA huwa r-rappreżentant legali tal-Awtorità. Huwa responsabbli mill-kwistjonijiet operazzjonali kollha, mill-kwistjonijiet relatati mal-impjegati u mit-tfassil tal-programm ta' ħidma annwali b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri tal-UE.

Il-ħidma xjentifika tal-EFSA titmexxa mill-Kumitat Xjentifiku tagħha u mill-10 Bordijiet Xjentifiċi tagħha, li huma komposti minn xjenzjati ewlenin fl-oqsma tagħhom. Fil-gruppi ta' ħidma jipparteċipaw ukoll esperti addizzjonali meta jkun hemm bżonn ta' aktar għarfien speċjalizzat. Il-Kumitat Xjentifiku jipprovdi pariri dwar kwistjonijiet trasversali, filwaqt li l-Bordijiet jagħmlu valutazzjonijiet tar-riskju u jipprovdu gwida esperta f'oqsma speċifiċi:

- **L-addittivi u l-prodotti jew is-sustanzi li jintużaw fl-għalf tal-annimali**
- **Is-saħħa u l-benesseri tal-annimali**
- **Il-perikli bijoloġiċi, inklużi riskji relatati mal-BSE-TSE**
- **Il-kontaminanti fil-katina tal-ikel**
- **Il-prodotti dijetetiċi, in-nutrizzjoni u l-allerġiji**
- **L-addittivi tal-ikel u s-sorsi ta' nutrijenti li jiġu miżjuda mal-ikel**
- **Il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, l-enżimi, il-ħwawar u l-għajnuniet għall-ipproċessar**
- **L-organiżmi mmodifikati ġenetikament**
- **Is-saħħa tal-pjanti**
- **Il-prodotti li jintużaw għall-protezzjoni tal-pjanti u r-residwi tagħhom**

Il-pariri xjentifiċi mogħtija mill-esperti tal-EFSA huma r-riżultat ta' deliberazzjonijiet u deċiżjonijiet kollettivi, fejn kull membru jkollu opportunità ugwali li jesprimi l-fehmiet tiegħu. Barra minn hekk, l-EFSA tapplika sett robust ta' mekkaniżmi interni u proċessi ta' ħidma sabiex tissalvagwardja l-indipendenza tal-ħidma







xjentifika tagħha, inkluż billi titlob dikjarazzjoni tar-rekwiżiti tal-interessi.

L-impjegati xjentifiċi bi kwalifiki għolja fit-tliet direttorati xjentifiċi tal-EFSA jappoġġjaw lil dawn il-gruppi u jwettqu l-evalwazzjonijiet huma stess f'xi oqsma, bħall-analiżi bejn il-pari tas-sustanzi attivi li jintużaw fil-pestiċidi. Flimkien mal-imsieħba nazzjonali, l-impjegati tal-EFSA għandhom ukoll rwol vitali fl-armonizzazzjoni u l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ta' monitoraġġ u ġbir tad-dejta – pereżempju dwar il-konsum tal-ikel, il-mard żoonotiku, il-pestiċidi, il-kontaminanti – li jtejbu l-kwalità tal-valutazzjonijiet tar-riskju tal-EFSA.

Iggwidata mill-Istrateġija Xjentifika tagħha, l-Awtorità tibqa' konformi mal-iżviluppi xjentifiċi internazzjonali, inklużi l-metodoloġiji u l-avvanzi ġodda fil-valutazzjoni tar-riskju, grazzi għall-għarfien tal-esperti tagħha u għar-rabtiet man-netwerks xjentifiċi u l-aġenziji dwar is-sigurtà fl-ikel madwar id-dinja.

Permezz tal-attivitajiet tagħha ta' komunikazzjoni dwar ir-riskji, l-EFSA tfittex li żżid l-għarfien u li tkompli tispjega l-implikazzjonijiet tal-valutazzjonijiet xjentifiċi tagħha. Kif stipulat fl-Istrateġija ta' Komunikazzjoni tagħha, l-Awtorità tagħmel dan billi tanalizza l-perċezzjoni pubblika tar-riskji marbuta mal-ikel u billi tispjega u tikkuntestwalizza r-riskji assoċjati mal-katina tal-ikel. Il-ħidma tal-EFSA ma' atturi ewlenin li jinkludu awtoritajiet nazzjonali, partijiet interessati u l-mezzi tal-komunikazzjoni, tgħinha sabiex twassal il-messaġġi tagħha lil udjenzi differenti. L-Awtorità tippromwovi wkoll il-konsistenza tal-messaġġi billi tikkoordina l-komunikazzjoni ma' amministraturi tar-riskju u ma' korpi oħrajn ta' valutazzjoni tar-riskju, bħalma huma l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE.

Krediti tar-ritratti:
EFSA, shutterstock, iStockphoto, Corbis Images, Science Photo Library, Inmagine, Thinkstock, agtel

© L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, 2012. Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, ħlief għal skopijiet kummerċjali, bil-kundizzjoni li jiġi rikonoxxut is-sors.

TM-30-12-865-MT-C



European Food Safety Authority

Via Carlo Magno 1A
43126 Parma
L-ITALJA

Tél. +39 0521 036 111
Fax +39 0521 036 110
www.efsa.europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9199-493-9
doi:10.2805/32721